MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2940/1996/1

**Ignazia DEGABRIELE**

**vs**

**Joseph ATTARD, Anġela Frendo, Polly Borġ, Rita Żammit, u Rosette Aġius; Alfred Baldacchino, Maria Cascun, Ġina Galea, Carmelina Borġ, Emanuel Baldacchino, Doris Camilleri, Anthony Baldacchino u Tereża Farruġia; Alfred Baldacchino, Gużeppi Baldacchino, George Baldacchino, Mario Baldacchino, Twanny Baldacchino, Paul Baldacchino, Ġuża Tanti, u Rita Di Pater; Gaetano Merċieca għan-nom u fl-interess tal-minuri Catherine Merċieca, Christopher Merċieca u Stephen Merċieca; u b'degriet tat-8 ta' Frar, 1999, l-Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata u l-P.L. Juliana Scerri Ferrante ġew nominati Kuraturi Deputati għall-assenti John Attard, Marlene Housley u Doris Borġ**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Ottubru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li tingħata mingħand l-imħarrkin, u fil-kwalita' tagħha ta' wild waħdien ta' ommha prelegatarja, sehemha mill-prelegat imħolli fit-testment ta' nannietha materni Giovanni u Giuseppa miżżewġin Baldacchino;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-17 ta' Ġunju, 1997, li biha l-imħarrkin Joseph, Polly Borġ, John, Rita Żammit, Rosette Aġius u Marlene Housley, aħwa Attard, laqgħu billi qalu li t-talba tal-attriċi mhix mistħoqqa, għaliex ommha kienet diġa' ħadet sehemha mill-prelegat, u li, fuq kollox, l-azzjoni tal-attriċi kienet waqgħet billi għaddielha ż-żmien ta' għaxar snin li fih setgħet tressaq il-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fil-21 ta' Jannar, 1998, li biha l-imħarrka Carmelina Borġ qalet li toqgħod fuq dak li tiddeċiedi l-Qorti;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-3 ta' Marzu, 1998, li biha l-imħarrka Anġela Frendo laqgħet għat-talba attriċi billi qalet li mhix mistħoqqa u dan għaliex omm l-attriċi kienet diġa' ħadet mid-dar tal-ġenituri tagħha matul ħajjitha ħafna ġid aktar minn kemm kien jistħoqqilha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-7 ta' Ottubru, 1998, li biha l-imħarrek Alfred Baldacchino (iben Carmelo) laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li din il-Qorti ma kellhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża minħabba l-valur tat-talba attriċi (*incompetentia ratione valoris*); fuq kollox, hu qatt ma ħa xejn mill-wirt mobbli ta' nannietu u lanqas kien jaf fejn kien jinsab dak il-ġid, li hu jgħid li kien ta' siwi ċkejken;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-14 ta' Ottubru, 1999, li biha l-Kuraturi Deputati rappreżentanti l-werrieta assenti eċċepew li ma kienu jafu xejn dwar il-fatti allegati;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll il-provi dokumentali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fid-9 ta' Novembru, 2004[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fis-26 ta' Jannar, 2005[2], mill-imħarrek Alfred Baldacchino (iben Carmelo) bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fit-8 ta' Marzu, 2005[3], mill-imħarrkin aħwa Attard (ulied Emanuela), bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmulin mill-attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-attriċi waqt is-smigħ tas-17 ta' Marzu, 2005, dwar l-appilkabilita' taż-żmien preskrittiv eċċepit minn uħud mill-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Marzu, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tqegħid fil-pussess ta' prelegat. L-attriċi qegħda titlob li sehem ommha minn prelegat imħolli lilha minn missierha u ommha, jingħata lilha. L-imħarrkin huma kollha kuġini tal-attriċi, ulied werrieta oħra;

Illi l-biċċa l-kbira tal-imħarrkin laqgħu billi qalu li omm l-attriċi kienet diġa' ħadet il-legat imħolli lilha matul ħajjitha, u dan billi ħadet biżżejjed ħwejjeġ minn dar il-ġenituri tagħha biex jagħmlu tajjeb għal dak li kellha jedd għalih. Tqanqlu wkoll żewġ eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u proċedurali: waħda hija li din il-kawża ma taqax taħt is-setgħa ta' din il-Qorti, kemm minħabba n-natura tal-azzjoni u kif ukoll minħabba l-valur tat-talba; u l-oħra hija li ż-żmien li fih messha tressqet il-kawża kien għadda u l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni;

[1] Paġġ. 179-180 tal-proċess
[2] Paġġ. 182-6 tal-proċess
[3] Paġġ. 189 sa 193 tal-proċess

Illi l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, minħabba n-natura tagħhom, iridu jiġu mistħarrġa qabel kollox;

Illi, qabel ma jsir dan, tajjeb li jissemmew il-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti tal-kawża. Giovanni u Ġużeppa miżżewġin Baldacchino kellhom sitt (6) ulied: tlieta bniet u tlieta subien. L-attriċi tiġi l-bint waħdanija ta' waħda minnhom (Rożina). Minn dawk is-sitt ulied, tnejn (Maria u Ġużeppi) mietu bla wlied. L-imħarrkin jiġu kuġini tal-attriċi, ulied it-tliet aħwa l-oħrajn (li kien jisimhom Emanuela miżżewġa Attard, Carmelo u Ġorġ). L-imsemmija miżżewġin Baldacchino kienu għamlu testment *unica charta* fid-29 ta' Novembru, 1937, fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi[4]. Ġużeppa Baldacchino mietet fit-2 ta' Diċembru tal-1938, u l-wirt tagħha ġie denunzjat minn żewġha fl-24 t'April, 1939[5]. Giovanni Baldacchino miet fl-10 ta' Settembru, 1940, u l-wirt tiegħu (u kif ukoll il-konsolidazzjoni tal-użufrutt mal-wirt ta' martu) ġie denunzjat minn bintu Rożina (omm l-attriċi) fis-16 ta' Diċembru, 1940[6];

Illi Rożina Baldacchino żżewġet li Carmelo Degabriele u kellhom tifla waħda (l-attriċi). Rożina Degabriele mietet intestata fid-29 ta' Novembru, 1958, u l-wirt tagħha ġie denunzjat fil-11 ta' Frar, 1959[7]. Meta mietet Rożina Degabriele, bintha l-attriċi kien għad għandha madwar disa' (9) snin;

Illi fil-ħames klawsola tat-testment *unica charta* ta' Giovanni u Ġużeppa Baldacchino, uliedhom il-bniet (jiġifieri Maria, Emanuela u Rożina) tħallew b'titolu ta' prelegat li jittieħed wara l-mewt ta' l-aħħar fost it-testaturi, "dak kollu li jkun jinsab fid-dar fejn ikunu joqogħdu l-istess testaturi fl-epoka tal-mewt tal-aħħar wieħed minnhom ... esklużi minn dan il-legat il-flus kontanti u t-titoli li jkun(u) jirrappreżentaw flus". Għal xi żmien wara li żżewġu, kemm Emanuela Attard u kemm Rożina Degabriele

[4] Dok "DD2", f'paġġ. 168 sa 174 tal-proċess
[5] Avviż Nru. 953/39, f'paġġ. 139 sa 144 tal-proċess
[6] Avviż Nru. 2174/40, f'paġġ 145 sa 155 tal-proċess
[7] Avviż Nru. 264/59, f'paġġ. 164-6 tal-proċess

baqgħu joqogħdu fid-dar tal-ġenituri tagħhom fi Triq il-Kardinal Sciberras, Ħal Qormi;

Illi kienu ttieħdu proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ Dwar il-Qsim ta' Wirt għall-qsim tal-ġid ereditarju tal-miżżewġin Baldacchino li ntemmu b'deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' April tal-1996. Din il-kawża nfetħet f'Ottubru tal-1996;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa tisma' l-kawża minħabba n-natura tagħha u minħabba l-valur**, jingħad li l-imħarrek Alfred Baldacchino jidher li għalkemm qanqal din l-eċċezzjoni, ma deherlux li kellu jressaq xi sottomissjonijiet biex ifissirha aħjar. Ma semma xejn dwarha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. Iżda, ladarba ma rtiraha qatt, din il-Qorti jkollha tistħarriġha;

Illi l-Qorti ma ssibx li l-imsemmija eċċezzjoni hija mistħoqqa. L-imħarrek ma jgħid xejn għaliex l-għamla ta' azzjoni mressqa mill-attriċi ma taqax taħt is-setgħat mogħtija mil-liġi lil din il-Qorti. Din il-Qorti għandha setgħat ġurisdizzjonali oriġinali u ġenerali, u l-eċċezzjoni għt-twettiq tas-setgħat tagħha jridu joħorġu mil-liġi nfisha. L-artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti lok għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' setgħa jew kompetenza ta' Qorti milli tisma' kawża meta, għalkemm il-kwestjoni tkun ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, l-kawża tinġieb quddiem Qorti differenti minn dik li quddiemha messha tressqet. Fil-qasam ta' kawżi ta' xejra ċivili (u li ma jkunux ta' kompetenza kostituzzjonali) is-setgħat ta' din il-Qorti huma stabiliti fl-artikoli 32(2) u 33 tal-Kodiċi proċedurali. Ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-azzjoni mressqa mill-attriċi toħroġ 'il barra minn dawk is-setgħat;

**Illi dwar jekk il-kawża hijiex tal-valur li tista' tismagħha din il-Qorti,** jingħad li l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi għall-artikoli miġjubin warajh. Skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12, kawża ta' valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li

taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet ċirkostanzi li l-liġi ssemmi bħala kawżi ta' valur indeterminabbli wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista' jiġi determinat kif jingħad fl-artikoli l-oħrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attriċi ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta' valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli skond l-artikoli l-oħrajn tal-Kodiċi;

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti[8]. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iċċensuratu talli messu kien jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kien qatt jisboq ammont li joħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri[9];

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża mhix sejra tintlaqa';

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni tal-attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni**, jingħad li din tinbena fuq dak li jgħid l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili. F'dak l-artikolu l-liġi tagħti lil kull min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat, jew leġittima (*petitio hereditatis*) għaxar snin żmien mill-ftuħ tal-wirt biex jagħmel dan. Fejn min ikollu jedd għal azzjoni bħal dik ikun taħt l-eta', ż-żmien ta' għaxar snin jibda jgħodd minn meta tali persuna tilħaq l-eta'[10];

Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda ġid li ġej minn wirt taqa' taħt iż-żmien preskrittiv tal-artikolu 845. Wieħed irid jagħraf bejn azzjoni għas-sehem fil-wirt (*petitio hereditatis*) u azzjoni dwar ġid li kien jagħmel minn

---

[8] Art 32 tal-kap 12

[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv **4.11.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.406**)

[10] Art. 845(2) tal-Kap 16

wirt, bħal fil-każ ta' azzjoni għall-qasma ta' ġid komuni mnissel minn wirt. L-istess jingħad dwar xi għamla ta' azzjoni li timmira għal xi aspett partikolari tal-proċess tal-likwidazzjoni jew tmexxija ta' ġid f'wirt;

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-attriċi qegħda tmexxi kontra l-imħarrkin hija azzjoni li taqa' sewwasew fis-sejħa ta' *petitio hereditatis*;

Illi ż-żmien maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva[11]. Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;

Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-artikolu taħt eżami;

Illi, minbarra dan, irid jingħad ukoll li filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-użufruttwarju huwa legatarju, it-talba ta' użufruttwarju biex jitħallas il-frottijiet li jitnisslu mill-ħwejjeġ tal-wirt milquta bil-legat tiegħu ma tistax titqies bħala talba għat-tqegħid fil-pussess tal-legat[12], liema pussess huwa impliċitu fit-talba nnifisha għall-ħlas tal-imsemmija frottijiet;

Illi huwa stabilit li biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (bħalma huwa meħtieġ f'kull każ ta' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva taħt l-artikolu 2140 tal-istess Kodiċi) irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt (x'aktarx, iżda mhux bilfors, taħt titolu partikolari) lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ ta' l-ħaġa mitluba daqslikieku kienet tiegħu

[11] App. Ċiv. **28.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Żammit*** (KOllez. Vol: **XXXIX.i.139**)
[12] Ara P.A. MCC **28.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Marguerite Curmi vs Bertha Caruana Dingli*** (mhix pubblikata)

(*animo domini*) għaż-żmien kollu preskrittiv[13]. Jeħtieġ jintwera wkoll li, għal tul dak iż-żmien kollu, min ikun żamm f'idejh dawk il-ħwejjeġ tal-wirt ikun għamel hekk b'bona fidi[14]. Minħabba li l-bona fidi hija preżunta, min jallega l-mala fidi jrid jipprova allegazzjoni bħal dik[15];

Illi l-bona fidi tirrappreżenta stat ta' ħsieb affermattiv fil-pussessur, li tirrifletti l-fehma u l-konvinzjoni intima tiegħu li l-ħaġa li għandu f'idejh hija tiegħu tabilħaqq. Min-naħa l-oħra, jkun fi stat ta' mala fidi min ikun f'qagħda li jaf, jew imissu miċ-ċirkostanzi jaħseb, li l-ħaġa li għandu f'idejh tkun ta' ħaddieħor. Imqar jekk il-pussessur ikollu xi dubju dwar iż-żamma tal-ħaġa, dan ikun biżżejjed biex idennes il-pussess tiegħu u jneħħi minnu l-bona fidi. Il-bona fidi li trid il-liġi trid tkopri t-totalita' tal-ħaġa miżmuma mill-pussessur;

Illi huwa minnu li l-proprjeta' ta' ħaġa mħollija b'legat tgħaddi għand il-legatarju mal-mewt tat-testatur, iżda l-pussess tal-ħaġa jgħaddi għand il-werrieta u huwa minħabba f'hekk li teħtieġ li ssir it-talba mil-legatarju biex jitqiegħed hu fil-pussess tal-ħaġa mħollija lilu. M'hijiex ħaġa meqjusa bħala prudenti u ta' min jissuġġeriha li legtarju jonqos milli jitlob formalment li jitqiegħed fil-pussess ta' legat bit-tama li l-pussess jiksbu mod ieħor, u dan għaliex anke jekk jiġi biex jirrivendika l-ħaġa (liżjed jekk tkun mobbli) minn idejn terz li jkun kiseb il-ħaġa, il-legatarju irid juri li kien diġa' tqiegħed fil-pussess formali tal-legat[16]

Illi fil-każ preżenti, il-jedd tal-prelegat imħolli minn Giovanni u Ġużeppa Baldacchino tnissel mal-mewt tal-aħħar wieħed minnhom, jiġifieri fl-1940. Omm l-attriċi jidher li qatt ma talbet li tingħata s-sehem tagħha ta' terz ($^1/_3$) mhux maqsum tal-legat imħolli lilha u liż-żewġ ħutha bniet. Dan ifisser li omm l-attriċi kellha sal-1950 biex titlob sehemha. Ma jidhirx li matul dak iż-żmien hija kienet fil-fatt ressqet talba ġudizzjarja bħal dik;

---

[13] P.A. **19.5.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Boniċi vs Apap Bologna et noe*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1022**)
[14] App. Ċiv. **29.1.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.21**)
[15] Art. 532 tal-Kap 16
[16] App. Inf. **21 5.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sacco noe*** (Kollez.Vol: **XXXIX.i.473**)

Illi jista' jingħad, bħala ġustifikazzjoni għal dan, li sa ma ġiet nieqsa Rożina Degabriele (omm l-attriċi), l-imsemmi wirt kien suġġett għall-użufrutt favur oħtha x-xebba Maria Baldacchino, u dan ukoll skond ir-rieda testamentarja tal-ġenituri tagħhom (klawsola disgħa). Minħabba li kemm l-użufruttwarju u l-prelegatarju ta' ħaġa mħollija b'legat jistgħu jitqiesu t-tnejn bħala prelegatarji, jista' jkun tassew minnu li Rożina Degabriele ma setgħetx titlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat qabel ma jkun intemm l-użufrutt favur oħtha. Dan jingħad fid-dawl tal-prinċipju li fejn hemm xi ħjiel ta' dubju dwar l-interpretazzjoni u l-estent ta' legat, tali dubju jmur favur il-legatarju. Jingħad ukoll minkejja li jirriżulta[17] li meta omm l-attriċi ġiet biex tħalli d-dar tal-ġenituri tagħha wara li żżewġet, hija ħadet magħha biċċa mill-ħwejjeġ imħollijin lilha bi prelegat, minkejja li oħtha x-xebba kienet għadha ħajja;

Illi, jekk inhu hekk, ladarba omm l-attriċi setgħet kienet miżmuma milli titlob li tingħata l-pussess ta' dak li kienet għadha tippretendi li tieħu, jibqa' fatt ċert li meta mietet fl-1958, il-jedd għadda fuq l-attriċi. Dak iż-żmien kienet għadha m'għalqitx għaxar snin. Kien biss fl-1966 li l-attriċi laħqet l-eta' maġġorenni;

Illi għalkemm ħadd ma qal meta mietet Maria Baldacchino, l-aħħar użufruttwarja tal-ġid tal-wirt, jidher li snin qabel l-1987, din kienet ħarġet mid-dar tal-ġenituri tagħha u marret tgħix ma' waħda min-neputijiet tagħha – l-imħarrka Polly Borġ, waħda minn ulied Emanuela Attard – u ħalliet ġidha lil ulied ta' oħtha Emanuela Attard. Għall-Qorti, dan ifisser li kienet seħħet rinunzja taż-żamma min-naħa tal-użufruttwarja b'mod li jekk kien hemm pretensjonijiet dwar il-prelegat tal-ħwejjeġ li kien għad fadal fid-dar tal-ġenituri tagħha, dawn setgħu jitressqu bla aktar xkiel. Minkejja li kien seħħ dan l-isvilupp, l-attriċi ma għamlet l-ebda talba għat-teħid tal-prelegat jew dak li kien għad fadlilha tieħu;

---

[17] Paragrafu 8 tad-Dikjarazzjoni tal-attriċi, f'paġ. 4 tal-proċess

Illi għar-rigward tal-għamla ta' żamma ta' "dak li kien fadal", jirriżulta qabel xejn li l-oġġetti nżammu minn uħud biss min-neputijiet. Jidher li kienu biss ulied Emanuela Attard li kienu baqgħu fil-pussess ta' dak li kien fadal fid-dar tan-nanniet tagħhom u li, fl-1987, qasmu bejniethom (x'aktarx ukoll il-ħamest ibniet biss fosthom[18]) dawk l-oġġetti li kienu jgħoddu għalihom. Dan ifisser għalhekk, li l-imħarrkin l-oħrajn – jiġifieri l-aħwa Attard (is-subien) u wlied Carmelo u Ġorġ Baldacchino, ma ġie qatt xejn f'idejhom minn dak il-ġid mobbli;

Illi ħareġ mix-xhieda, li kien hemm fehma sħiħa u konsistenti li dak li kien fadal fid-dar kien kollu ta' Maria u Emanuela Attard. Il-fehma kienet li Rożina Degabriele kienet ħadet dak li kellha tieħu u, wara li kienet għamlet xi żmien titlob ħaġa jew oħra, waqfet tressaq pretensjonijiet oħrajn[19]. Għal żmien twil, għalhekk, l-imħarrkin ulied Emanuela Attard, fil-pussess effettiv ta' dak kollu li kien għad fadal fid-dar fejn baqgħet tgħix ommhom (l-istess dar tan-nanniet), kienu jemmnu, bla ma ngħataw għalfejn jaħsbu mod ieħor, li dak kien kollu tagħhom. L-attriċi ma għamlet xejn biex tirrivendika xi jedd għal dak li seta' kien fadlilha mill-prelegat li messha ħadet ommha (jekk tassew kien għad fadal x'wieħed jitlob aktar). Kien biss waqt li kienu għaddejjin proċeduri oħrajn tal-qsim tal-ġid immobbiljari tal-wirt (fis-snin disgħin) li l-attriċi ressqet l-ewwel pretensjoni;

Illi fl-aħħar smigħ tal-kawża, l-għaref difensur tal-attriċi qal li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma setax ikun li kien għadda ladarba kien hemm proċeduri fis-seħħ għall-qsim tal-wirt. Il-Qorti tibda biex tgħid li ma tifhimx kif il-pretensjonijiet li l-attriċi qegħda tagħmel illum ma kinux, allura, inklużi f'dawk il-proċedimenti mill-ewwel. Ħadd mill-partijiet ma deherlu li kellu jagħti tagħrif dwar kif it-Tribunal tal-Arbitraġġ Dwar il-Qsim tal-Wirt iddispona mill-pretensjonijiet tal-attriċi, jekk fil-fatt għamel xi provvediment f'dan ir-rigward;

---

[18] Xhieda ta' Rita Żammit 22.1.2001, f'paġġ. 98-9 tal-proċess

[19] Ara x-xhieda ta' Polly Borġ 16.3.2001, ta' Joseph Attard 31.10.2001, f'paġġ. 109 u 124-6 tal-proċess

Illi, madankollu, l-eżistenza waħedha ta' proċeduri ġudizzjarji dwar il-qasma tal-wirt ma jfissirx li issospendiet jew waqqfet iż-żmien tal-preskrizzjoni biex tintalab l-immissjoni fil-pussess tal-legat, jew li reġgħet għajxet dak iż-żmien kieku kien diġa' għadda. Dan jingħad għaliex att ta' Ċitazzjoni jew rikors li jibda kawża huwa att eżekuttiv tal-azzjoni, imma mhux rinnovativ tagħha, bħalma hija ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju[20]. Fil-każ in kwestjoni, proċedura quddiem it-Tribunal tal-Qsim tal-Wirt ma setgħetx inbdiet qabel l-1984, jiġifieri meta daħal fis-seħħ l-Att XIII ta' dik is-sena[21]. Sa dak iż-żmien, il-jedd tal-attriċi li, bħala werrieta ta' ommha, titlob li tingħata dak li kien għad fadlilha minn sehemha tal-prelegat, kien għadda sewwa;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi hija mistħoqqa;

Illi għalhekk m'huwiex il-każ li tiġi mistħarrġa t-talba attriċi fil-mertu. Dwar dan il-punt, il-Qorti tqis biss li l-attriċi xorta waħda naqset li turi tassew x'kien jew kienu l-ħwejjeġ li kien għad fadal jingħaddu lilha mill-prelegat. Tqis ukoll li meta omm l-attriċi nfisha għamlet id-denunzja tal-wirt ta' missierha, indikat li l-valur tal-għamara u l-oġġetti tad-deheb kien relattivament ċkejken. Tqis ukoll, fl-aħħarnett, li l-attriċi tistqarr li ommha kienet ħadet parti mill-imsemmi legat u kien jaqa' fuqha li turi li dak li ommha ħadet ma kienx ilaħħaq mas-sehem ta' terz li suppost tħalliet bis-saħħa tal-klawsola testamentarja;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek Alfred Baldacchino, u tiddikjara li hija għandha s-setgħa li tisma' l-kawża attriċi, kemm għal dak li jirrigwarda n-natura tat-talba u kif ukoll il-valur tagħha;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin aħwa Attard, u tiddikjara li l-jedd li l-attriċi tressaq l-azzjoni tagħha għat-

[20] P.A. PS **2.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***George Bonniċi noe vs Nicholas Ellul et***

[21] Kap 308 tal-Liġijiet ta' Malta

tqegħid tagħha fil-pussess tal-prelegat waqa' biż-żmien ta' għaxar snin minn meta seta' jintalab; u

**Tiċħad it-talba attriċi**, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------